# EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

It-tnaqqis fil-konsum u fil-ħela tal-enerġija huwa ta' importanza dejjem ikbar għall-UE. Fl-2007 l-mexxejja tal-UE iffissaw mira għall-2020 biex il-konsum tal-enerġija annwali tal-UE jitnaqqas b'20 %. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu rikonoxxuti dejjem aktar mhux biss bħala mezz biex tinkiseb provvista enerġetika sostenibbli, jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u titnaqqas in-nefqa tal-importazzjoni, iżda wkoll biex tkun promossa l-kompetittività tal-UE. Għaldaqstant, l-effiċjenza enerġetika hija prijorità strateġika għall-Unjoni tal-Enerġija, u l-UE tippromwovi l-prinċipju li "l-effiċjenza fl-enerġija tiġi l-ewwel". Il-qafas ta' politika futura għall-perjodu wara l-2030 qed jiġi diskuss.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## IL-KISBIET

### A. Il-qafas ġenerali

Il-Kummissjoni nediet l-ewwel "Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika: Inwettqu l-Potenzjal" (COM(2006) 0545) tagħha fl-2006. L-iskop tiegħu kien li jimmobilizza l-pubbliku ġenerali, lil dawk li jfasslu l-politika u lill-atturi tas-suq, u li jibdel is-suq intern tal-enerġija b'tali mod li jipprovdi liċ-ċittadini tal-UE l-infrastruttura (inkluż bini), il-prodotti (inklużi apparat u karozzi) u s-sistemi tal-enerġija l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fid-dinja. L-objettiv tal-Pjan ta' Azzjoni kien li tiġi kkontrollata u mnaqqsa d-domanda għall-enerġija u li tittieħed azzjoni mmirata fuq il-konsum u l-provvista sabiex jitnaqqas il-konsum annwali tal-enerġija primarja b'20 % sal-2020 (meta mqabbel mat-tbassir tal-konsum tal-enerġija għall-2020). Madankollu, meta l-istimi ssuġġerew li l-UE kienet fit-triq li tikseb biss nofs l-objettiv ta' 20 %, il-Kummissjoni wieġbet billi stabbiliet għanijiet ta' effiċjenza fl-enerġija bħala miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u billi żviluppat Pjan għall-Effiċjenza Enerġetika (Energy Efficiency Plan — EEP) ġdid u komprensiv fl-2011 (COM(2011) 0109).

Il-qafas attwali dwar l-effiċjenza enerġetika jikkonsisti f'għadd ta' direttivi, li r-reviżjoni tagħhom tinsab għaddejja jew hija ppjanata. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (2012/27/EU), li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2012, titlob li l-Istati Membri jistabbilixxu miri indikattivi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika li jiżguraw li l-UE tilħaq il-mira ewlenija tagħha li tnaqqas il-konsum tal-enerġija b'20 % sal-2020. L-Istati Membri huma liberi li jagħmlu dawn ir-rekwiżiti minimi aktar stretti fl-isforzi tagħhom biex jiffrankaw l-enerġija. Id-Direttiva tintroduċi wkoll sett ta' miżuri vinkolanti biex jgħinu lill-Istati Membri jiksbu

din il-mira u tistabbilixxi regoli legalment vinkolanti għall-utenti finali u l-fornituri tal-enerġija. Aktar istandards tal-effiċjenza enerġetika għall-prodotti u bini ġew stabbiliti bis-saħħa tad-Direttiva tal-Ekodisinn (2009/125/EC), id-Direttiva dwar it-Tikkettar dwar l-Effiċjenza Enerġetika (2010/30/EU) u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (2010/31/EU).

In 2014, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni (COM(2014) 0520) dwar l-effiċjenza enerġetika, li fiha kkonkludiet li jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali min-naħa tal-Istati Membri, wara li l-analiżi tagħha kienet uriet li l-UE tkun tista' biss tikseb iffrankar tal-enerġija ta' madwar 18-19 % sal-2020. Skont ir-"Rapport tal-progress magħmul għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika" (COM(2015) 0574), ippubblikat fit-18 ta' Novembru 2015, l-Istati Membri kienu jinsabu fit-triq biex jiksbu biss iffrankar ta' 17.6 % tal-enerġija primarja sal-2020. B'konsegwenza, il-pjan direzzjonali dwar "l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija" tal-2015 (COM(2015) 0572) ħabbar ir-reviżjoni tad-direttivi dwar l-effiċjenza enerġetika.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett ta' proposti "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha" (COM(2016) 0860) bil-għan li tallinja l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija mal-miri l-ġodda dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u biex tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2015 (COM(2015) 0080). "L-effiċjenza fl-enerġija tiġi l-ewwel" huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija maħsuba biex tiżgura provvista tal-enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezzijiet raġonevoli fl-UE. Fid-direttiva riveduta, il-Kummissjoni ipproponiet mira ambizzjuża ta' effiċjenza enerġetika ta' 30 % sal-2030. F'Jannar 2018, il-Parlament emenda l-proposta tal-Kummissjoni għad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika riveduta, fi sforz biex il-proposta ssir aktar ambizzjuża b'mod ġenerali. Wara negozjati mal-Kunsill, intlaħaq ftehim f'Novembru 2018, li jistabbilixxi mira għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija ta' 32.5 % sal-2030 fil-livell tal-UE.

### B. Il-koġenerazzjoni

Id-Direttiva dwar il-Koġenerazzjoni (2004/8/KE) preċedenti tħassret meta d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2012. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tirrikjedi li l-Istati Membri jivvalutaw u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fit-territorju tagħhom u jwettqu analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiċi, il-fattibilità ekonomika u l-adegwatezza teknika (b'xi eżenzjonijiet). Fil-qafas tal-pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni nediet Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ (COM(2016) 0051) fis-16 ta' Frar 2016. L-istrateġija tinkludi pjanijiet biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika tal-bini, jittejbu r-rabtiet bejn is-sistemi tal-elettriku u s-sistemi tat-tisħin distrettwali, u dan se jżid ħafna l-użu tal-enerġija rinnovabbli, u jħeġġeġ l-użu mill-ġdid tas-sħana u l-kesħa residwa ġġenerati mill-industrija. Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi għal din l-istrateġija huma inklużi fil-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha".

### C. Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

Id-Direttiva 2010/31/EU dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija fiha diversi dispożizzjonijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika kemm tal-bini ġdid kif ukoll ta' dak eżistenti. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tad-direttiva jinkludu rekwiżiti fir-rigward ta':

— il-qafas ġenerali komuni għal metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment ta' bini u ta' unitajiet ta' bini fl-użu integrat tal-enerġija;

— l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għar-rendiment tal-enerġija għal bini ġdid u unitajiet ta' bini ġodda fl-użu tal-enerġija, li jistabbilixxu, pereżempju, li sal-31 ta' Diċembru 2020, il-bini l-ġdid kollu għandu jkollu użu ta' enerġija qrib iż-żero;

— l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-enerġija, b'mod partikolari: bini eżistenti, unitajiet ta' bini u elementi tal-bini li huma suġġetti għal rinovazzjoni maġġuri, u sistemi tekniċi tal-bini kull meta jiġu installati, mibdula jew imtejba;

— iċ-ċertifikazzjoni tal-użu tal-enerġija ta' bini jew unitajiet ta' bini, spezzjonijiet regolari tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata fil-bini u s-sistemi ta' kontroll indipendenti għal ċertifikati tal-prestazzjoni enerġetika u rapporti ta' spezzjoni.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija bħala parti minn pakkett usa' ta' "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha" (COM(2016) 0860) li għandu jgħin biex jinkisbu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Skont data mill-Kummissjoni, il-bini huwa responsabbli għal 40 % tal-konsum tal-enerġija u għal 36 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-UE. Bħalissa, madwar 35 % tal-bini fl-UE għandu aktar minn 50 sena. Billi tittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija tal-bini, il-konsum totali tal-enerġija fl-UE jista' jitnaqqas b'bejn 5 % u 6 % u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'madwar 5 %.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali fit-tul biex jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-bini nazzjonali tagħhom. Id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura stokk ta' bini effiċjenti ħafna f'termini ta' enerġija u dekarbonizzat, bħala kontribut kosteffikaċi biex jintlaħqu l-miri ta' effiċjenza tal-enerġija għall-Ewropa, bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-UE b'bejn 80 % u 95 % meta mqabbla mal-1990.

Barra minn hekk, fl-istess ħin ġiet ippreżentata l-inizjattiva "Finanzjament intelliġenti għal bini intelliġenti" (COM(2016) 0860 — Anness I) . Hija tanalizza kif għandu jiġi stimulat l-investiment pubbliku u privat dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini u hija maħsuba biex tibgħat sinjal ta' fiduċja lis-suq u tinkoraġġixxi l-investituri jimpenjaw ruħhom favur l-effiċjenza enerġetika.

**D.** L-effiċjenza enerġetika tal-prodotti

Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, ġew introdotti diversi miżuri fil-livell tal-UE, inklużi, inter alia, miżuri għal:

— l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard dwar il-prodott, tal-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti relatati mal-enerġija li għandhom impatt dirett jew indirett fuq il-konsum, irregolata bid- Direttiva Qafas 2010/30/UE. Direttivi u regolamenti speċifiċi stipulaw rekwiżiti għal diversi apparati tad-djar. It-tikkettar tat-tagħmir tal-uffiċċju u t-tikkettar tat-tajers huma koperti minn regolamenti separati;

— ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti relatati mal-użu tal-enerġija, irregolati mid- Direttiva Qafas 2009/125/KE, li tirriformola d-Direttiva 2005/32/KE kif emendata bid-Direttiva 2008/28/KE). Ir-regolamenti ta' implimentazzjoni jkopru

firxa wiesgħa ta' prodotti, inklużi hiters, vacuum cleaners, kompjuters, apparat tal-arja kkondizzjonata, dishwashers, prodotti tad-dawl, refrigerators u freezers, settijiet tat-televiżjoni u muturi tal-elettriku.

Bħala parti mill-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015) 0080) mħabbra fi Frar 2015, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi d-direttivi dwar l-effiċjenza enerġetika msemmija hawn fuq għall-prodotti. Ir-Regolament 2017/1369, ippubblikat f'Lulju 2017, jistabbilixxi qafas ġdid għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija sabiex jistabbilixxi skadenzi għas-sostituzzjoni tal-klassijiet A+, A++ u A+++ attwali bi skala mill-A sal-G.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament dejjem talab miri aktar ambizzjużi tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll regolamenti aktar stretti. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika (P7_TA(2010)0485), il-Parlament għamilha ċara li għandha tiġi adottata mira vinkolanti dwar l-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 20 % sal-2020.

Fl-2012, il-Parlament kellu rwol ewlieni fin-negozjati tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (COD/2011/0172) u żgura li r-rekwiżiti għal strateġiji għar-rinnovazzjoni tal-bini nazzjonali u awditjar enerġetiku mandatorju għal kumpaniji kbar inżammu fil-kompromess finali maqbul mal-Kunsill. Irnexxielu wkoll iżomm emenda li titlob regoli dwar mekkaniżmi ta' reazzjoni għad-domanda, li jippermettu lill-konsumaturi tal-enerġija jaġġustaw l-użu enerġetiku tagħhom u b'hekk inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

Fl-2013, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri għall-effiċjenza enerġetika skont il-Politika ta' Koeżjoni (P7_TA(2013)0345), fejn laqa' opportunitajiet ġodda offruti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, speċjalment fis-settur tal-bini. Il-Parlament appella għal miżuri għat-tkattir tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni, u enfasizza l-ħtieġa ta' bini tal-kapaċità u assistenza teknika f'dan il-qasam.

Aktar riċentement, il-Parlament ripetutament appella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar qafas għall-politika tal-klima u tal-enerġija fl-2030 (P7_TA(2014)0094), Il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2014 - COP 20[1] f'Lima, il-Perù (P8_TA(2014)0063) u Lejn ftehim internazzjonali ġdid dwar il-klima f'Pariġi (P8_TA(2015)0359) , biex jistabbilixxi mira vinkolanti ta' 40 %, akkumpanjata b'miri nazzjonali individwali. It-tliet riżoluzzjonijiet kollha jagħmluha ċara li mira ambizzjuża għall-effiċjenza enerġetika tiġġenera l-impjiegi u tfaddil, iżżid il-kompetittività ekonomika, tagħti spinta lill-innovazzjoni, tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u żżid is-sigurtà tal-enerġija. Wara li, fit-23 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew adotta l-mira ta' 27 %, il-Parlament għandu l-għan li jistabbilixxi mira ambizzjuża għall-effiċjenza enerġetika. Fis-17 ta' Jannar 2018, huwa appoġġa tnaqqis ta' 40 % fil-konsum tal-enerġija tal-UE

[1]Il-COP 20 tirreferi għall-20 Konferenza Universali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima (2.5.2 — It-tibdil fil-klima u l-ambjent)

sal-2030[2]. Fit-23 ta' Ġunju 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (P8_TA(2016)0293) u kkonkluda li d-direttiva eżistenti, minkejja li toffri qafas għat-tnaqqis tal domanda għall-enerġija, kienet ġiet implimentata ħażin. Huwa stieden lill-Istati Membri jimplimentawha malajr u bis-sħiħ. Barra minn hekk, saħaq li politika serja dwar l-effiċjenza enerġetika tista' tippermetti lill-UE tilħaq l-għanijiet tagħha dwar l-enerġija u l-klima b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi 2016 fil-COP 21, u tgħinha ttejjeb is-sigurtà tal-enerġija billi tnaqqas id-dipendenza fuq sorsi esterni tal-enerġija.

F'Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Id-Direttiva emendata dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija ġiet adottata mill-Parlament u mill-Kunsill f'Diċembru 2018.

Fit-13 ta' Settembru 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar Strateġija tal-UE għat-Tisħin u t-Tkessiħ (P8_TA(2016)0334), fejn stieden lill-Kummissjoni tiffoka l-azzjoni dwar il-miżuri ta' effiċjenza enerġetika fil-bini, speċjalment fi djar foqra fl-enerġija.

Fis-6 ta' Frar 2018, il-Parlament adotta sensiela ta' rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi abbozzati mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE). Il-Parlament jappoġġja skemi edukattivi li jgħinu liċ-ċittadini Ewropej jifhmu kif jistgħu jikkonservaw aktar enerġija. Barra minn hekk, il-Parlament huwa favur żieda ta' mill-anqas 50 % tal-finanzjament għall-proġetti tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi[3].

Frédéric Gouardères / Francesca Beltrame
04/2019

[2]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20180112IPR91629/meps-set-ambitious-targets-for-cleaner-more-efficient-energy-use
[3]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20180202IPR97028/clean-energy-innovation-needs-a-change-of-mind-set